Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 19 tas-Sitt Leġislatura
# Illum il-Tlieta, 12 ta' Ottubru 2010

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali, li saru nhar is-Sibt 6 ta' Ġunju 2009, ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Tenders (Resurfacing ta' Toroq bil-PPP, provista ta' Konkrete u Manteniment tal-Latrini Pubbliċi)*
5. *Tenders (Ġbir ta' Skart Goff u Tim Tekniku għall-proġett CypFire)*
6. *Kwotazzjonijiet oħra*
7. *Traffic-management fi Triq Gorg Zammit*
8. *Uniformijiet tal-istaff tal-Kunsill*
9. *Proġett CypFire – Konferenza fi' Siena f' Ottubru – Rapport*
10. *Kungress tal-UDITE fi Strasbourg ghas-Segretarji Ezekettuvi*
11. *Affarijiet Mixxellanji*

**PREŻENTI**

Kienu preżenti s-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Maria Said u s-Segretarju Ezekuttiv, Cyprian Dalli.

Il-Kunsillier Giovanni Gatt kien assenti.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku Paul Vella.

**MINUTI**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

*Punti Mill-Minuti*

1.2 Is-Sindku nforma li ser issir laqgħa dwar il-kwistjoni tal-gabbanni u l-post fejn dawn jarmaw fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija.

1.3 Ġie deċiż li, wara xi ilmenti mir-residenti, l-informazzjoni li titqassam fid-djar ikun ukoll bl-Ingliż jew ikun hemm nota li tipprovdi għal min jafx jitkellemx bil-Malti.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

1.4 Ġie deċiż ukoll li tintbgħat aktar informazzjoni dwar l-arranġamenti ġodda tal-iġbir tal-iskart u d-dati l-ġodda, filwaqt li tintalab aktar kooperazzjoni mir-residenti.

1.5 Il-Kunsill approva li tintbgħat ittra lil Transport Malta biex issir *Reserved Parking for Disabled Persons* fuq in-naħa t' isfel tal-knisja parrokkjali.

1.6 Ġie diskuss ukoll li s-Sur Shawn Vella jitfakkar biex ilesti r-rapport dwar il-proġett tal-Biolmed u jagħmel l-arranġamenti neċċessarji biex tiddaħħal l-informazzjoni fil-*presage*.

1.7 Il-Kunsill issuġġerixxa li tissejjaħ laqgħa mal-Inġinier biex jiġu rrappurtati d-diversi problemi fid-dawl tat-toroq.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Ġiet innutata l-korrispondenza fejn qed jinħareġ il-permess tax-xogħlijiet proposti tal-Ġnejna. Dan ser jintbgħat lil Perit Spiteri għall-azzjonijiet neċċessarji tiegħu.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Il-Kunsill innota numru ta' komunikazzjonijiet oħra.

## 4 *Tenders*

4.1 It-tenders tal-PPP u tal-Konkrete se jintbgħatu lil Perit biex dan janillazza l-offerti u jagħti l-parir tekniku tiegħu.

4.4 L-offerti tal-Manteniment tal-Lattrini ser jiġu analizzati f' laqgħa li ser tissejjaħ imminentament.

## 5 Tenders (Ġbir ta' Skart Goff u Tim Tekniku ghall-progett Cypfire)

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, flimkien mas-Sindku u l-Vici Sindku, fetħu l-kaxxa tal-offerti taż-żewġ tenders imsemmija hawn fuq.

5.2 Il-Kunsill innota li intefgħu offerta waħda għall-kull sejħa. Għal dak tal-ġbir ta' skart goff waslet l-offerta ta' Kenneth u Doris Fenech, filwaqt li s-sejħa għat-tim tekniku għall-proġett Cypfire waslet mingħand l-Universita' ta' Malta.

5.3 Fil-każ tal-offerta għall-ġbir tal-Bulky Refuse ġie deċiż li jsir '*comparative analysis*' mas-servizz offrut preżentement. Fil-każ tat-tim tekniku tal-proġett Cypfire ġie deċiż li l-offerta tal-Universita' ta' Malta tiġi milqugħha.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**6 Kwotazzjonijiet Oħra**

6.1 Il-Kunsill innota li waslu diversi kwotazzjonijiet għall-materjali tal-IT, offerta waħda għall-kiri ta' tined u l-ebda' offerta għall-*cordless drill*.

6.2 Ġie deċiż li l-kwotazzjoni tal-kiri tat-tined tintlaqa'. Ġie deċiż ukoll li jixtara l-laptop Acer Aspire Timeline mingħand il-Klikk Computer Store u dan jibda' jintuża mis-Segretarju Eżekuttiv, filwaqt li dwar is-settijiet ta' computers oħra jittieħdu pariri aktar tekniċi qabel dawn jinxtraw.

**7 Traffic-Management fi Triq Gorg Zammit**

7.1 Dwar il-kwistjoni ta' Triq Ġorġ Zammit, ġie deċiż li tintbgħat ittra lil Transport Malta fuq is-suġġerimenti tas-Sur Hugh Arnett. Il-Kunsill qed isostni li, anke' minħabba diversi kummenti mir-residenti, din it-triq ma tiġix imdejjqa. Barra minn hekk, il-Kunsill qed jissuġġerrixxi li isir proġett li jinkorpora din it-triq u Triq il-Kbira bħala *by-pass* biex minnha jgħaddi t-traffiku li jkun għaddej minn u lejn il-Ġnejna.

**8 Uniformijiet tal-istaff tal-Kunsill**

8.1. Ġiet diskussa l-proposta li ssir uniformi għall-istaff tal-Kunsill. Ġie rrapurtat li ż-żewġ skrivana jixtiequ li jkollhom din l-uniformi. Il-Kunsill, wara li ra li fil-passat kienet teżisti uniformi oħra u li kienet proposta tajba, qabel li din il-proposta tintlaqa'. Ser isiru l-arranġament meħtieġa biex din il-proposta titwettaq.

**9 Proġett CypFire – konferenza fi Siena f' Ottubru**

9.1 Il-Viċi-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv rrapurtaw is-sehem tagħhom fil-konferenza tal-proġett Cypfire li saret fi Siena. Ingħad li din l-esperjenza kienet waħda pozittiva u li saru diversi kuntatti u kjarifikazzjonijiet biex jiġi assikurat li dan il-proġett ikun wieħed li jiżvilluppa u jimxi 'l quddiem kif ippjanat.

**10 Kungress tal-UDITE fi Strasbourg għas-Segretarji Eżekuttivi**

10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie mistieden mill-ASKLM sabiex jattendi għall-Kungress tal-UDITE (European Federation of Local Government Chief Executives). Il-Kunsill iddeċida li japprova din in-nominazzjoni peress li jemmen li esperjenza bħal din tħalli effett pożitiv fuq is-Segretarju Eżekkutiv. Il-Kunsill qabel li jirrifondi l-ispejjeż tal-vjaġġ, akkomodazzjoni u spejjes oħra. Ir-reġistrazzjoni għall-kungress kienet ser issir direttament mill-ASKLM.

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**11 Affarijiet Mixxellanji**

11.1 Wara diskużjoni, il-Kunsill qabel li għandu jagħmel il-proposti tiegħu ta' ismijiet għat-toroq fejn dawn għadhom mingħajr isem. Dawn il-proposti għandhom jiġu mgħoddija lill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għall-approvazzjoni.

11.1 Il-Kunsilliera Maria Said irrapurtat li hemm bżonn ta' skip fl-inħawi tal-Bokka taċ-Ċarċara, peress li dan m' għadux hemm minn meta inbidel il-kuntrattur tal-iġbir tal-iskart.

11.2 Il-Kunsilliera Maria Said qalet ukoll li fi Triq ix-Xagħra tal-Knisja qed jitħalla żibel barra. Issuġġerit li jintbgħat *flyer* lir-residenti tal-inħawi biex tintalab aktar kooperazzjoni.

11.3 Il-Kunsillier Clayton Gauci ressaq ilment li persuna f' Wied Binġemma qed iħammeġ b' mod repetittiv. Hu ssuġġerixxa li din il-persuna għandha tiġi imwissijja verbalment, u jekk l-affarijiet ma jmorrux għall-aħjar, tintbgħatliha ittra.

11.4 Il-Kunsillier Clayton Gauci għamel il-proposta biex l-Għaqdiet tal-Lokalita' u l-NGOs jifformulaw Kalendarju ta' Attivitajiet għas-sena 2011 u jibgħatuh lill-Kunsill. Dan sabiex jiġu evitati attivitajiet li jaħbtu flimkien u jkun jista' jsir aktar koordinament. Il-proposta intlaqgħet mill-Kunsill.

11.5 Is-Sindku irrapporta li fi Triq Santa Marija, kantuniera ma' Triq Fisher hemm parti li fiha qed joqgħod l-ilma tax-xita. Is-Sindku għandu jmur jara il-post flimkien ma' Hugh Arnett biex jiddeċiedu fuq l-aħjar soluzzjoni għal- din il-problema.

11.6 Il-Kunsill iddiskuta l-proposta ta' Dame Francoise Tempera li il-Kunsill jagħti sponsorship għall-ipprintjar tal-*brochures* ta' l-esibizzjoni artistika ta' Christiane Peugeot, li ser tittella' fil-bini tal-Kunsill lejn l-aħħar ta' Novembru. Il-Kunsill qabel li jħallas għall-ispejjes ta' dan il-*brochure*.

11.7 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm.

11.8 Is-Sindku sejjaħ laqgħa oħra nhar it-Tlieta, 9 ta' Novembru, 2010, fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku